# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

## SEDUTA TAL-15 TA' LULJU, 2021

**Kawza Numru: 11**

**Rik. Gur. 274/2021 RGM**

**Nazzareno Facciol sive Żaren**
**(I.D. 452651 (M)**

**vs.**

**Jason Żammit (I.D. 0010174G)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors ta' Nazzareno Facciol** ippreżentat fid-29 ta' Marzu, 2021 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

(1) "Illi bejn is-snin 2018 u 2020 l-attur sellef sommom ta` flus lill-intimat li komplessivament jammontaw għal wieħed u għoxrin elf u disa mitt Euro [€21,900] sabiex l-intimat ikun jista juża tali flus għan-negozju tiegħu li jikkonsisti f'xiri u bejgħ ta` vetturi 'second hand' f'Għawdex fejn l-istess intimat jirrisjedi;

(2) Illi l-intimat kien issellef tali ammonti mingħand l-attur fid-dar tal-istess attur fl-Imqabba, Malta fejn kien imur flimkien ma` wieħed minn uliedu; u sussegwentament beda jħallas lura lill-attur tali dejn f'ammonti żgħar kull xahar b'dan li mill-ammont globali ta` €21,900, il-bilanċ favur l-attur mill-konvenut huwa ta` tmintax-il elf, seba mija u ħamsa u ħamsin Euro [€18,755];

(3) Illi tali ammonti ingħataw mill-attur bħala għajnuna u b'ġentlomerija tant li l-partijiet f'din il-kawża b'fiduċja ma ffirmawx l-anqas skrittura privata quddiem ix-xhieda bħala ftehim bejniethom li tistabilixxi l-identita` tal-partijiet, l-ammonti li qed jiġu mislufa, jekk kienx hemm interessi dovuti u sakemm tali dejn kellu jitħallas, għalkemm bejn il-partijiet f'din il-kawża kien hemm il-ftehim verbali li tali ammont globali jintradd lura lill-attur sal-4 t'Awissu tas-sena 2020 imma l-intimat baqa` qatt ma radd is-somma msemmija, għalkemm il-konvenut interpellat biex jagħmel dan kemm verbalment mill-attur permezz ta` telefonati, u aktar tard b'ittri legali; u f'Novembru tas-sena 2020 ġie interpellat formalment permezz ta` Ittra Uffiċjali, għal liema Ittra Uffiċjali kien hemm notifika pożitiva kif ser jiġi muri waqt il-produzzjoni tax-xhieda f'din il-kawża, il-konvenut baqa` inadempjenti u baqa` jġib l-iskużi biss li dalwaqt ser jagħmel kuntratt u jdaħħal flus li jkunu ferm biżżejjed biex jaqta` d-dejn kollu li kellu mall-attur;

(4) Illi xhieda ta` dejn fl-ammont ta` €18,755 li l-intimat għandu favur l-attur huma: iċ-ċekkijiet li nħarġu mill-attur fuq isem il-konvenut, kemm il-messaġġi telefoniċi li l-konvenut kien bgħat lill-avukat Mark Fenech Vella meta il-konvenut intalab mill-istess avukat jgħaddilu n-numru tal-

telefon ċellulari tal-avukat tal-fiduċja tal-intimat sabiex issir l-iskrittura privata (dan sar għaliex l-Avukat Mark Fenech Vella kien spjega lill-attur li ma hix etika professjonali li fuq il-mertu Avukat jidħol f'diskussjoni diretta mall-kontro-parti u cioe` mall-konvenut imma biss tramite mall-avukat tal-kontro-parti), ċekkijiet tal-Bank of Valletta plc, kif ukoll tax-xhieda f'din il-kawża Tania Busuttil li kienet akkumpanjat lill-attur meta mar Għawdex speċifikament sabiex ikellem lill-konvenut minħabba li dan ma baqax jirrispondi t-telefonati li beda jgħamillu l-attur; kif ukoll Joseph Pace Vincenti li ġieli tqabbad mill-konvenut sabiex imur iħallas lill-attur fid-dar tiegħu fl-Imqabba ammonti ta` flus sabiex hekk il-konvenut jaqta mis-somma globali ta` dejn versu l-attur;

(5) Illi kif jidher mill-Ittra Uffiċjali li ser tiġi ppreżentata waqt din il-kawża odjerna, il-konvenut naqas li jħallas tali dejn dovut sad-data patwita u cioe` sal-4 t'Awissu tas-sena 2020; u għalkemm l-attur ippreżenta l-Ittra Uffiċjali f'Novembru tas-sena 2020 u cioe` tlett xhur wara d-data miftiehma, u stenna qabel ma ppreżenta din il-kawża stenna erba (4) xhur oħra minn notifika pożittiva tal-Ittra Uffiċjali lill-intimat, sabiex dan jottempora ruħu, il-konvenut naqas li jħallas is-somma intera għalkemm verbalment u anke b'messaġġi (smses) il-konvenut dejjem wera` ruħu dispost li ser iħallas anke b'imgħax ta` erba (4%) fil-mija, imma baqa` xorta inadempjenti;

(6) Illi din is-somma ta` dejn imsemmija ingħatat mill-attur f'diversi ammonti, bosta minnhom kienet fi flus kontanti u oħrajn permezz ta` ċekkijiet mill-kont bankarju tal-attur u li ngħataw lil konvenut;

(7) Illi l-attur kien kostrett li jieħu azzjoni legali kif ħa minħabba li minn dak li l-attur huwa informat, xi sena ilu il-konvenut mar il-ħabs minħabba misaproprijazzjoni fin-negozju tiegħu, fejn l-attur ġie informat li l-konvenut ma hux kredibli mall-istess klijenti tiegħu;

(8) Illi għalhekk tali dejn dovut lill-attur mill-konvenut huwa ċert, likwidu u dovut u fir-rigward ta` liema, sa fejn jaf ir-rikorrent, l-intimat ma

għandux eċċezzjonijiet validi fil-liġi xi jressaq tant li l-konvenut baqa` ma weġibx għall-Ittra Uffiċjali tal-attur hawn fuq riferita, liema fatt juri li s-somma ta` dejn imsemmija fl-Ittra Ġudizzjarja hija ammessa mill-konvenut; u l-attur ma jafx li l-intimat għandu l-ebda risposti x'jippreżenta u għalhekk, il-kawża għandha tiġi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ.

Illi għalhekk, l-attur jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara:-

(1) Tipproċedi bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża a tenur l-artikolu 169 et sequitur tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta` Malta;

(2) Tiddikjara li l-konvenut huwa veru, cert u likwidu debitur tar-rikorrenti fis-somma intiera ta` tmintax-il elf, seba mija u ħamsa u ħamsin Euro [€18,755] fi ħlas dovut li komplessivament l-attur għad baqgħalu jieħu mingħand il-konvenut;

(3) Tikkundanna lil konvenut iħallas lill-attur is-somma indikata fil-paragrafu preċedenti fi żmien qasir u perentorju;

(4) Bl-ispejjeż tal-Ittra Uffiċjali, ta` din il-kawża odjerna u l-Mandat ta` Sekwestru Kawtelatorju li ġie ppreżentat kontestwalment ma` din il-kawża; u bl-imgħaxijiet legali dovuti fuq is-somma mislufa mill-attur lil konvenut, mid-data tan-notifika tal-Ittra Uffiċjali sad-data tal-pagament effettiv."

Rat illi l-konvenut ġie debitament notifikat bl-att promotur u bl-avviż tas-smiegħ fis-6 ta' Mejju 2021 iżda ma deherx għas-seduta tat-3 ta' Ġunju 2021.

Rat il-provi mressqa mill-attur.

Rat l-atti.

Rat li l-kawża tħalliet għallum għas-sentenza.

Ikkonsidrat;

**L-Azzjoni Attriċi – Proċedura Sommarja**.

L-azzjoni odjerna ġiet intavolata b'talba sabiex tinstema bil-proċedura sommarja ai termini tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-konvenut debitament notifikat naqas milli jidher għas-seduta appuntata għas-smiegħ. Japplika għalhekk dak li jiddisponi is-sub inċiż wieħed tal-artikolu 170 tal-Kap.12.

**Artikolu 170 tal-Kap. 12** jipprovdi illi:

(1) Jekk il-konvenut jibqa' kontumaċi, jew, jekk jidher,ma jopponix bħala mhix regolari jew li ma tgħoddx għall-każ, il-proċedura li biha nqeda l-attur, inkella, jekk jagħti din l-eċċezzjoniu ma tiġix milqugħa, ma jagħtix prova, bil-ġurament tiegħu, jew xort'oħra, li fil-fehma tal-qorti tkun biżżejjed biex turi li għandu eċċezzjonijiet prima facie,fil-liġi jew fil-fatt xi jġib kontra l-meritu tal-azzjoni, jew xort'oħra ma jġibx fatti jew punti ta' liġi li jistgħu jitqiesu li jkunu biżżejjed biex jagħtuh il-jedd li jopponi t-talba jew li jagħmel kontro-talba, il-qorti tiddeċiedi minnufih il-kawża, billi tilqa' t-talba tal-attur.

Skond is-sub inċiż appena ċitat il-Qorti għandħa minnufih tilqa' t-talbiet attriċi. Kontra r-regola ġenerali illi l-kontumaċja m'għandiex titqies bħala ammissjoni; fil-proċeduri imsejsa fuq l-artikolu 167 et seq tal-Kap. 12, in-nuqqas ta' dehra jew il-preżentata ta' nota ta' kontestazzjoni da parti tal-konvenut għandha prattikament titqies bħala ammissjoni.

Ikkunsidrat;

L-attur ippreżenta bħala provi erba' affidavit; tiegħu, ta' Joseph Pace Vincenti, ta' Antonia Busuttil u ta' l-Avukat Dr Mark Fenech Vella.

L-attur xhed illi kien ġie avviċinat mill-konvenut li jiġġestixxi negozju ta' karrozzi "second hand" sabiex isellfu xi flus għall-istess negozju. Jgħid illi huwa b'kollox sellfu €21,900 u minnhom tħallas lura s-somma ta' €3,145. Jikkontendi għalhekk illi għad għandu jitħallas mingħand il-konvenut is-somma bilanċjali ta' €18,755.00.

L-attur ippreżenta prospett dettaljat dwar l-ammonti li ġew mislufa lill-konvenut kif ukoll dwar l-ammonti mħallsa lura akkont.

L-attur spjega kif il-konvenut kien ilu jwegħdu li ser iħallsu lura anke quddiem ix-xhieda iżda baqa' inadempjenti u għalhekk kellu jipproċedi bil-kawża odjerna.

Fix-xhieda tagħhom Joseph Pace Vincenti, Antonia Busuttil u l-Avukat Dr Mark Fenech Vella ikkorroboraw partijiet mix-xhieda tal-attur.

Ikkunsidrat;

Fil-kawża odjerna l-attur spjega b'dettal l-ammonti li għadda lill-konvenut b'self. Sew l-attur kif ukoll ix-xhieda minnu prodotti ikkonfermaw illi l-konvenut kien ammetta magħhom li kellu jagħti lill-attur l-ammont reklamat permezz tal-kawża preżenti.

Il-Qorti tqis illi l-attur irnexxielu jipprova b'mod sodisfaċenti il-pretensjonijiet tiegħu fil-konfront tal-konvenut u għalhekk tqis ukoll illi t-talbiet attriċi jimmeritaw li jiġu akkolti.

**Decide**.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi.

1. Tilqa' l-ewwel talba.

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li l-konvenut huwa veru, ċert u likwidu debitur tal-attur fis-somma ta` tmintax-il elf, seba' mija u ħamsa u ħamsin Euro [€18,755];

3. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma imsemmija ta' €18,755;

   Bl-ispejjeż kontra l-konvenut u bl-imgħaxijiet legali mid-data tan-notifika lill-konvenut tar-rikors ġuramentat promotur sad-data tal-pagament effettiv.

   Moqrija.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
15 ta' Lulju 2021

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**